StudentBounty.com

# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKOLA SEKONDARJA 2009

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IR-RABA' SENA** **STORJA (Ġenerali)** **ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem:** ________________________ **Klassi:** ______________

1. Poġġi dawn il-kelmiet fis-sentenzi li hawn taħt. Kull kelma għandha tintuża **darba biss**.

| | | |
|---|---|---|
| kolonja | Gvernatur | *Letters Patent* |
| bażi navali | tarzna | kostituzzjoni |
| barracks | Ekonomija ta' Fortizza | l-ilsien Taljan |
| l-akwadott tal-Fawwara | statut | berġa |
| il-Latin | Ammirall | akwadott ta' Wignacourt |

1.1 Għal 164 sena Malta kienet ______________________ tal-Ingliżi. (1)

1.2 Fis-snin 40 tas-seklu XIX inbena ______________ biex iwassal l-ilma sal-Kottonera. (1)

1.3 Ittri bis-siġill tar-Re jew tar-Reġina jissejħu ____________________. (1)

1.4 Fi żmien il-ħakma Ingliża l-Gżejjer Maltin kienu jitmexxew minn uffiċjal li kien jissejjaħ ____________________. (1)

1.5 Matul il-parti l-kbira tal-ħakma Ingliża, il-Gżejjer Maltin kellhom ____________________________________________. (1)

1.6 Ġabra ta' liġijiet li fuqhom jitmexxa pajjiż tissejjaħ ____________________. (1)

1.7 Il-bini li fih kienu jgħixu s-suldati Ingliżi kien jissejjaħ ____________________. (1)

1.8 Matul il-ħakma Ingliża Malta kienet __________________ importanti għall-vapuri Ingliżi. (1)

1.9 Post fejn jinbnew u jissewwew il-vapuri tissejjaħ ____________________. (1)

1.10 Sal 1936__________________ kien wieħed mil-lingwi uffiċċjali ta' Malta. (1)

**(10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Qabbel dawn li ġejjin. L-ewwel waħda qegħda tingħata bħala eżempju.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-konvoj ta' Santa Marija | Il-bidu tar-Rivoluzzjoni Industrijali | |
| 2. | Il-Kanonku Pawlu Pullicino | Il-kwistjoni tal-lingwa | |
| 3. | Osbert Chadwick | Salva lil Malta fit-Tieni Gwerra Dinjija | 1. |
| 4. | Patrick J. Keenan | Wieħed mill-vittmi tas-Sette Giugno | |
| 5. | Carmelo Abela | Rapporti dwar il-provista tal-ilma | |
| 6. | L-Ingilterra | Direttur tal-iskejjel primarji | |

**(5 x 1 = 5 marki)**

3. Aqra dan il-paragrafu sewwa u wara wieġeb id-domandi **kollha.**

Ġamri u Ġużeppa żżewġu fl-1939, eżatt sena qabel ma bdiet il-gwerra mal-Italja. Huma kienu joqogħdu l-Isla, iżda matul il-gwerra marru joqogħdu ma' xi qraba f'Birkirkara. Matul iż-żmien iebes tal-gwerra kellhom tlett itfal.

Ġamri li kien jaħdem għal rasu bħala *electrician* matul il-gwerra daħal jaħdem mas-Servizzi Ingliżi u kien jieħu ħsieb is-sistema tad-dawl fl-ajruport ta' Ħal Luqa u kellu paga tajba.

Malli spiċċat il-gwerra, Ġamri baqa' jaħdem mal-Ingliżi, iżda qalbu dejjem kienet ittaqtaq għax kienu jagħtu ħafna sensji. Minħabba dan il-fatt, u biex it-tfal tagħhom ikollhom futur aħjar, fl-1947 Ġamri u Ġużeppa, flimkien ma' uliedhom, telqu lejn l-Awstralja ma' numru ta' emigranti Maltin.

Fl-Awstralja, Ġamri malajr sab ix-xogħol; u ssettiljaw f'Melbourne. Ħassewha ħafna l-firda minn qrabathom u ħbiebhom. Ġużeppa kienet ta' kull ġimgħa tikteb lil ommha, armla ta' 85 sena, u ma' kull ittra kienet tibgħatilha xi dollari Awstraljani, billi ommha kienet tgħix bir-*relief*.

3.1 F'liema sena bdiet il-gwerra mal-Italja?

________________________________________ (1)

3.2 Għaliex Ġamri u Ġużeppa telqu mill-Isla u marru Birkirkara?

________________________________________ (2)

3.3 X'tip ta' xogħol kellu Ġamri matul il-gwerra?

________________________________________ (1)

3.4 Agħti raġuni waħda għaliex wara l-gwerra Ġamri u Ġużeppa ddeċedew li jmorru l-Awstralja.

________________________________________ (2)

3.5 X'kien jagħmel il-Gvern dak iż-żmien biex jgħin lill-emigranti?

________________________________________ (2)

3.6 Semmi xi ħaġa li kienet tnikket lill-emigranti.

________________________________________ (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

3.7 Agħti eżempju ta' kif l-emigranti Maltin kienu jgħinu lil nieshom hawn Malta.

______________________________________________

3.8 Minnbarra l-Awstralja, wara il-gwerra il-Maltin emigraw lejn xi postijiet oħra. Semmi tnejn minnhom. ______________________________ (1)

3.9 Semmi żewġ vantaġġi marbuta mal-emigrazzjoni.

______________________________ (1)

______________________________ (1)

**(15-il marka)**

4. Ħares sewwa lejn din l-istampa u wieġeb id-domandi kollha.



4.1.1 Fl-istampa qegħdin naraw bini li matul il-ħakma Ingliża tela' ħafna bħalu f'diversi nħawi tal-Gżejjer Maltin. X'jissejjaħ il-bini li qed tara f'din l-istampa? (1)

______________________________

4.1.2 Semmi tlieta bħal dawn li telgħu matul il-ħakma Ingliża.

__________ (1) __________ (1) __________ (1)

4.1.3 X'tip ta' armamenti kien wieħed isib fihom?

______________________________ (1)

4.2 Immaġina li kont bennej meta kien tiela' l-bini li hemm fl-istampa. Spjega kif stajt gawdejt bil-bini tiegħu. (1)

______________________________

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

4.3.1 Illum il-bini li qed tara huwa parti mill-wirt storiku tagħna. Spjega kif bini bħ[...] jista' jgħin lill-ekonomija ta' pajjiżna.

______________________________________________________________________

4.3.2 X'nistgħu nagħmlu biex nieħdu ħsiebu?

______________________________________________________________________ (2)

**(10 marki)**

5. **IT-TRASPORT F'MALTA**

Wieġeb dan l-eżerċizzju billi tagħmel **sing** taħt ir-risposta t-tajba.

5.1 Min kien joqgħod il-Mellieħa fl-1850 seta' jmur sal-Belt

bil-karrozza tal-linja / bil-karrettun / bil-mutur. (1)

5.2 Il-ferrovija kellha din ir-rotta:

Valletta-Qormi-Siġġiewi / Valletta-Attard-Rabat / Valletta-Santa Venera-Mosta (1)

5.3 It-tramm kien ta' għajnuna kbira,

għan-nobbli tal-Imdina / għall-ħaddiema tat-Tarzna / għas-sajjieda ta' Marsaxlokk. (1)

5.4 Permezz tal-karozzi tal-linja

il-ħaddiema setgħu jaħdmu 'l bogħod mid-dar / in-nies bdew jaslu fil-ħin għax-xogħol / infetħu ħafna toroq. (1)

5.5 Kien hemm servizz tal-laneċ

fil-Port ta' Marsaxlokk / fil-bajja ta' San Pawl il-Baħar / fil-Port ta' Marsamxett. (1)

5.6 Il-karozzi privati daħlu f'Malta

fil-bidu tas-seklu 19 / fl-1851 / fil-bidu tas-seklu 20 (1)

5.7 Matul il-parti l-kbira tas-seklu 19, għall-Maltin biex imorru Għawdex

kien faċli ħafna / kien diffiċli ħafna / kien perikoluż. (1)

5.8 Illum it-trasport bejn Malta u Għawdex jinsab f'idejn il-kumpanija

Virtu Ferries / Captain Morgan / Gozo Channel (1)

**(8 marki)**

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

6. Ħares sewwa lejn l-istampa u wieġeb id-domandi kollha.



6.1 F'din l-istampa qed tara raġel. Għid x'kien ix-xogħol tiegħu? (1)

6.1.2 Għaliex taħseb hekk? (1)

6.2.1 Mal-annimal li qed jidher fl-istampa, hija marbuta marda partikolari. X'jisimha?. (1)

6.2.2 Min kien it-tabib Malti li skopra l-marda marbuta ma' dan l-annimal? (1)

6.3 X'parir ingħata lill-poplu Malti biex jevita din il-marda? (1)

6.4 Minbarra l-marda li diġà semmejt, matul is-sekli dsatax u għoxrin il-Gżejjer Maltin inħakmu minn mard u epidemiji oħra. Semmi tnejn minnhom.
(1) (1)

6.5 Agħti żewġ raġunijiet għaliex fis-sekli dsatax u għoxrin kien hawn ħafna mard u epidemiji oħra. (1)
(1)

6.6.1 Illum, meta n-nies jimirdu ġeneralment imorru f'post partikolari għall-kura. Għid x'jissejjaħ dan il-post. (1)

6.6.2 Semmi tnejn minn dan il-post.
(1) (1)

**(12-il marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

7. Ħares sewwa lejn din l-istampa u wieġeb id-domandi kollha.



7. F'din l-istampa qed tara xena f'Malta matul it-Tieni Gwerra Dinjija.

7.1.1 Iddeskrivi x'qed tara f'din l-istampa.

______________________________ (1)

7.1.2 Għaliex taħseb li ġara dak li inti qiegħed tara fl-istampa?

______________________________ (1)

7.2.1 Agħti l-ismijiet ta' Tliet pajjiżi li kienu involuti fit-Tieni Gwerra Dinjija.

__________ (1) __________ (1) __________ (1)

7.2.2 Għid għaliex Malta kienet involuta f'din il-gwerra?

______________________________ (1)

7.2.3 Għid għaliex it-Tarzna ta' Malta kienet importanti matul il-gwerra?

______________________________ (1)

7.3 X'kienu jagħmlu l-parti l-kbira tal-Maltin matul il-gwerra biex ma jintlaqtux mill-bombi tal-għadu?

______________________________ (1)

7.4 Matul il-gwerra l-Maltin batew ħafna. Semmi żewġ affarijiet li kkawżaw din it-tbatija.

______________________________ (1)

______________________________ (1)

7.5 Għid għaliex il-konvoj ta' Santa Marija kien importanti ħafna.

______________________________ (1)

7.6.1 Wara li terġa' tħares lejn l-istampa, għid x'kellu jsir f'Malta wara li spiċċat il-gwerra.

______________________________ (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

7.6.2 Min gawda l-iżjed b'dan ix-xogħol?

_______________________________________________________________

7.7 Semmi post importanti fil-Belt Valletta li għadu mwaqqgħa sal-lum minnħabba l-gwerra? (1)

_______________________________________________________________

**(14-il marka)**

8. Qabbel dawn li ġejjin. L-ewwel waħda qegħda tingħata bħala eżempju.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Valletta | Trasport bil-lanċa | |
| 2. | Is-Siġġiewi | Sajd | |
| 3. | Marsaxlokk | It-Tarzna | |
| 4. | Bormla | Djar b'nuqqas ta' faċilitajiet sanitarji | |
| 5. | Il-Mandraġġ | Il-belt kapitali ta' Malta | 1 |
| 6. | Mosta | Il-Victoria Lines | |
| 7. | Tas-Sliema | Biedja | |

**(6 marki)**

9. Agħżel waħda minn 9.1 sa 9.4 u ikteb fit-tul dwarha.

9.1 L-iżvilupp tat-Tarzna fis-sekli dsatax u għaxrin.

9.2 Xi progress sar fil-qasam tal-edukazzjoni fis-sekli dsatax u għoxrin.

9.3 Kif kienet il-ħajja f Malta qabel it-Tieni Gwerra Dinjija?

9.4 X' wassal għas-Sette Giugno? X'ġara dakinhar? X'kienu r-riżultati tas-Sette Giugno?

**(20 marka)**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers